# *ĠRAJJIET IL-BANDA MNARJA*

## Il-Ħidma fl-Ewwel Xhur

-

It-Tieni Parti

Joe Curmi

### L-Istendardi tal-Banda

Dak iż-żmien, għall-ewwel xhur tal-banda, ħafna emigranti Nadurin fi New York kienu waqqfu *Club* għalihom bl-isem ta' *Gozo Social and Sports Club,* immexxi mis-Sur Charlie Camilleri. X'ħin saru jafu li fin-Nadur kienet se titwaqqaf banda bis-serjeta`, urew ix-xewqa li jagħmlu l-istendard prinċipali u stendardi oħra spejjeż tagħhom. Bdiet għalhekk korrispondenza bejn il-*Club* tagħhom u tagħna biex naraw kif l-aħjar isir. Għażilna drapp aħmar sabiħ u bgħatnielhom kampjun biex kemm jista' jkun isibu bħalu. Qabbadna lill-artist Pawlu Camilleri Cauchi u għamlilna b'xejn disinn tal-arma li xtaqna għal fuq l-istendard. L-arma kellhâ tiġi rrakkmata b'ħajt tad-deheb fuq iż–żewġ naħat. Rigward id-daqs tal-istendard morna fil-Każin tal-Banda Leone u ħallewna nieħdu l-qies tal-istendard tagħhom. L-istendardi l-oħra li nħadmu kienu dawn: tal-Amerika, tal-Ingilterra, tal-Papa u ta' Malta. Dawn tħallsu hekk: Is-Sur Charlie Camilleri u s-Sur John Debono ħallsu l-istendard tal-Banda, is-Sur Peter Aquilina u s-Sur Alfred Rapa ħallsu l-istendard tal-Amerika, Mr & Mrs Joseph Muscat ħalsu dak tal-Ingilterra, is-Sur Joe Portelli ħallas dak tal-Papa u s-Sur Michael Muscat l-istendard ta' Malta.

### L-Uniformi

Rigward l-uniformi tal-bandisti, il-Kumitat iddeċieda li għandha tkun hekk: Qmis bajda, qalziet iswed u ingravata fuq l-aħmar. Wara għażla kbira ntgħażlet waħda ħamra bil-faxxi rqaq bojod. Il-beritta kellha tkun b'faxxa ħamra b'żewġ żigarelli



*L-istendardi nhar jum l-inawgurazzjoni tal-Banda Mnarja fis-16 ta' Ġunju 1968.*



*L-Isqof t'Għawdex ibierek l-istrumenti ġodda tal-Banda Mnarja fil-5 ta' Novembru 1967.*

tad-deheb mat-tarf tagħha, waħda fuq u oħra isfel. L-arma ta' fuq il-beritta nħadmet għand Cassar ta' Bormla fuq id-disinn tal-istendard. Dawn l-armi nħadmu waħda waħda bl-idejn minn folja tar-ram, imbagħad ġew ibbanjati bil-fidda.

Sadanittant iż-żmien kien għaddej u l-aljievi kienu qegħdin jagħmlu progress inkoraġġanti fil-parti l-kbira tagħhom. Naturalment kien hemm dawk il-ġwejjef li qatgħu qalbhom u telqu kollox. Dak iż-żmien il-Kumitat ma kienx jikkonfondi għaliex kieku ma fellqux xi ftit ma kienx se jkollu strumenti għal kulħadd.

### It-Tberik tal-Istrumenti

Il-5 ta' Novembru 1967 hija data oħra mill-isbaħ fl-istorja tal-Banda Mnarja għax fiha kien sar it-tberik tal-istrumenti. L-istrumenti ġodda fjamanti kienu waslu mingħand id-ditta *Orsi* u l-Kumitat ried li t-tberik tagħhom isir daqsxejn bil-kbir. Iċ-ċerimonja saret fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri, jew kif jafuha n-Nadurin, *Il-Pjazzetta,* fil-ġurnata msemmija. L-istrumenti kienu esposti mal-ħajt tal-Knisja u ġew imbierka mill-Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi. Il-ġurnata kienet il-Ħadd, kien bnazzi sabiħ ħafna u *l-Pjazzetta* kienet maħnuqa bin-nies, tant li l-Isqof stagħġeb meta ra folla daqshekk kbira. Wara sar riċeviment żgħir fil-Każin tal-futbol tan-*Nadur Youngsters* u anke kellna xi ftit logħob tan-nar.

### Heġġa għat-Tagħlim tal-Mużika

Il-Kumitat kellu wġigħ ta' ras kbira biex iqassam dawn l-istrumenti għaliex kien hemm iktar studenti

bandisti milli kien hemm strumenti. Inxtraw xi strumenti użati u billi kien hemm xi wħud li qatgħu qalbhom meta ħadu l-istrument, is-sitwazzjoni tranġat. Veru li kien hemm min qatgħa qalbu, iżda l-parti l-kbira tal-istudenti bandisti kellhom kuraġġ ta' sur u bdew jagħmlu progress kbir. Ma' daqshekk studenti bilfors li l-lezzjonijiet kienu jieħdu fit-tul, u mhux l-ewwel darba kien jiskorri nofs il-lejl u l-lezzjonijiet kienu jkunu għadhom sejrin ġmielhom. Tant sar progress illi l-provi għall-banda kollha bdew isiru fil-15 ta' April 1968. Għall-ewwel kienu jsiru fil-bitħa tal-iskola tal-Gvern pero` ħafna nies kienu jiġu biex jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom dawn il-bandisti ġodda jdoqqu. Bżajna li ssir xi ħsara fl-iskola u jeħel il-Kumitat. Inqala' Joe Grech (Gelluxa) li kellu jkun wieħed mill-benefatturi l-kbar nett tal-banda, u offra l-garaxx kbir li kellu fi Triq Xandriku biex il-kunċerti jibdew isiru fih. Għall-ewwel kienet tinġabar folla kbira quddiem il-garaxx kull meta kien ikun hemm il-provi, iżda fit-triq in-nies ma kinux idejquna.

### L-Ewwel Marċi tal-Banda Mnarja

Għall-inawgurazzjoni tal-Banda, is-Surmast Anton Bonnici kien ordna sett marċi għand il-magħruf Mro.Vincenzo Ciappara li dak iż-żmien kien l-iktar kompożitur popolari tal-marċi brijużi u kull banda ta' Malta u Għawdex kienet tara li jkollha xi marċ minn tiegħu fir-ripertorju tagħha kull sena. Dawn kienu l-ismijiet tal-ewwel ħames marċi li kellha l-Banda Mnarja adattati għaliha għall-inawgurazzjoni tagħha: *'Inauguration', 'Forward', '29th June', 'Centenary Celebrations'*, u *'Bażilika'*.

Sabiex jitkantaw mal-marċ *'Centenary Celebrations'*, il-mibki Joe Borg Attard, li dak iż-żmien kien membru attiv fil-Kumitat, kiteb dawn il-versi sbieħ:

Mill-bogħod il-bogħod inġbarna,
Nies qlubija Nadurin
Għal dawn il-Festi Ċentinarji
Ma' twemminna marbutin.


*Parti mill-folla miġbura fil-Pjazzetta nhar jum l-inawgurazzjoni.*


*Il-President u Ko-Fundatur tal-Banda Mnarja s-Sur Joe Curmi jagħmel id-diskors tiegħu nhar jum l-inawgurazzjoni.*

Festi kbar b'tifkira xierqa,
Tal-bażilika b'ġieħ mogħtija
Lil ta' Pietru Pawl it-Tempju
Ewlenin fuq l-art Maltija.

'Il fuq leħinna jogħla
Sforz il-hena u l-allegrija
Mal-marċi tal-banda l-ġdida
Li ġabet ruħha għalkemm tarbija.

'dawn il-jiem għeżież għalina,
Hena kbira ssaltan f'qalbna
U mad-daqq, sparar u briju
Lejn is-sema jitla' talbna.

Insellmulkom Xemx u Qamar
Fuq kull żmien xħettu dijietkom,
Lin-Nadur ġibtulu l-barka
Dinja xgħeltu bi qdusitkom.

Sar progress kbir u sadanittant il-festa kienet qegħda toqrob. Għall-bandisti ġodda bħalma kienu tagħna kien iktar faċli li jdoqqu meta jkunu bil-qiegħda milli meta jkunu mexjin. Sabiex jidraw idoqqu huma u mexjin reġgħu bdew isiru l-provi tal-banda fl-iskola tal-Gvern. Hemmhekk il-bandisti bdew jitħarrġu kif idoqqu huma u miexja fil-grawnd.

### Il-Festi Ċentinarji tas-Sena 1968

F'dak iż-żmien fin-Nadur kienu qegħdin isiru tħejjijiet kbar għall-Festi Ċentinarji biex ifakkru d-dsatax–il mitt sena mill-martirju ta' San Pietru u San Pawl. Il-Kumitat iddeċieda li barra l-inawgurazzjoni tal-Banda jinbeda wkoll il-bini tal-każin biex jibqa' tifkira ta' dawn il-festi kbar. F'Mejju ta' dik is-sena (1968) beda l-ħatt tad-dar il-qadima li l-Kumitat kien xtara. Ix-xogħol tal-bini tal-Każin il-ġdid ingħata lill-Kumpanija tal-kostruzzjoni *Gozo Construction and Development Consultants*, billi ħadd mill-bennejja tan-Nadur ma ndaħal għal dan ix-xogħol. Il-pjanta saret mill-Perit Joseph P. Dimech li kienet taħseb għal



*Il-Banda Mnarja nhar jum l-inawgurazzjoni tagħha fi Triq il-Kbira, illum Triq Diċembru 13.*

bottegin spazjuż kif tidħol mit-triq, wara sala li kellha sservi għall-provi tal-Banda, dances, parties, eċċ., xi kmamar fuq wara u bitħa. Għal fuq imbagħad, ġiet ipproġettata sala kbira fuq kollox.

**L-Inawgurazzjoni tal-Banda**

L-inawgurazzjoni tal-Banda saret nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju fil-ftuħ tal-Festi Ċentinarji. L-ewwel xogħol għall-banda l-ġdida kien li takkompanja lill-Isqof Cauchi mill-Pjazzetta sal-Knisja, issa Bażilika tan-Nadur. L-Isqof Cauchi bierek l-istendardi u l-banda, saru diskorsi mill-President tal-Banda u mill-Isqof. Is-Sur Mikelanġlu Cordina, dakinhar membru tal-Kumitat, offra ċekk sabiħ lis-Surmast Anton Bonnici. Il-poplu Naduri ried jirringrazzja minn qiegħ qalbu lil dan is-Surmast tal-biċċa xogħol kbira li kien għamel meta waqqaf banda f'daqshekk żmien qasir. Kulħadd issa kien fuq ix-xwiek biex jisma' l-banda ddoqq għall-ewwel darba fil-pubbliku. Ħadd ma jista' jfisser il-ferħ tal-poplu Naduri dakinhar meta sema' l-ewwel noti ħelwin tal-Banda Mnarja ddoqq il-marċ *'Inauguration'* tal-Mro.Vincenzo Ciappara. Ħadd ma seta' jemmen kif fi żmien daqshekk qasir, 56 bandist min-Nadur, li ħafna minnhom sa ftit qabel ma kinux jafu x'inhi mużika, issa qegħdin jiffurmaw l-ewwel banda fin-Nadur. Tassew li kien fiha għaxqa l-Banda dakinhar, b'56 bandist lebsin bl-uniformi, qmis bajda, qalziet iswed, beritta bil-faxx aħmar u ingravata ħamra bil-faxxi rqaq bojod. Malli nstemgħu l-ewwel noti, il-folla kbira preżenti nfexxet f'ċapċip qawwi. Tbissima dehret fuq fomm kulħadd. Kulħadd deher sodisfatt u kburi. Ħafna kienu dawk li ma ridux jemmnu lil għajnejhom u lil widnejhom u sthajlu lilhom infushom li qegħdin joħolmu. Kellhom raġun, għax sa sena qabel lanqas biss kien hawn ħjiel ta' banda fin-Nadur. Kien sar realta` dak li fil-bidu, għal xi wħud, kien impossibbli. Is-16 ta' Ġunju 1968 huwa bla dubju ta' xejn wieħed mill-isbaħ, jekk mhux l-isbaħ jum fl-istorja tal-Banda.

**It-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Każin**

Il-Kumitat ħadem kemm felaħ u fis-27 tal-istess xahar kollox kien lest għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Każin. Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li din il-ġebla tinħadem tal-qawwi, iżda l-Kumitat sab ħafna diffikultajiet u spejjeż kbar u għalhekk inħadmet tal-franka b'xejn minn Salvu Camilleri *tas-Sigla*. Fuq irħama mwaħħla fuq il-ġebla hemm din l-iskrizzjoni, imnaqqxa minn Ġużeppi Xuereb *tal-Hoxni* Naduri ieħor bħal Salvu.

B'TIFKIRA
TAL-FESTI ĊENTINARJI
MQIEGĦDA MINN CAPT. J.W. ATTARD
KUMMISSARJU GĦAL GĦAWDEX
U MBIERKA MILL-
E. T. IL-KARDINAL GIUSEPPE FERRETTO
27 TA' ĠUNJU 1968

Il-Kaptan J. W. Attard kellu rabta man-Nadur billi kien twieled hawn meta missieru kien tabib iservi f'dan il-post. Il-Kardinal *Giuseppe Ferretto* kien qiegħed fostna biex imexxi l-Festi Ċentinarji *ad unur* ta' San Pietru u San Pawl.

Għaċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla kien hemm bżonn ta' barmil għat-tajn, kazzola u pal. Dawn ħa ħsieb jordnaħom is-Sur Joe Abela, Naduri li kien joqgħod Malta, imma li baqa' jħobb ħafna lil raħal twelidu u kien dejjem lest li jgħin kif jista' f'xi opra li kienet tkun qegħda ssir hawn. Il-barmil u l-pal tħallsu minn flus li kien ġabar apposta Dun Pawl Zerafa, li kien l-ewwel Direttur Spiritwali tal-Każin. Il-kazzola ħallasha Joe Abela nnifsu. Ġo tubu tal-azzar li ma jsaddadx li jinsab f'din il-ġebla, hemm parċmina li fuqha hemm miktuba l-ġrajja ta' din iċ-ċerimonja bil-firma tal-Kardinal *Giuseppe Ferretto,* tal-Isqof Nikol Cauchi, tal-Arċipriet Mons. Mikiel Portelli, tal-Kaptan J. W. Attard u tal-membri tal-Kumitat. Ta' min jgħid hawn illi l-ispejjeż tal-għodda li ntużat swiet 13–il lira u l-iskrizzjoni ta' fuq l-irħama 7 liri u 8 xelini.



*Is-Sur Joe Curmi jagħmel id-diskors tiegħu nhar jum it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Każin tal-Banda Mnarja.*

**Is-Sehem Attiv tal-Banda fil-Festi Ċentinarji**

Matul l-14–il jum tal-Festi Ċentinarji, il-banda l-ġdida daqqet f'disat ijiem. Kienet preżenti wkoll fil-laqgħa mponenti li saret fil-port tal-Imġarr mal-wasla tal-E.T. il-Kardinal *Giuseppe Ferretto*. Il-Banda għamlet marċ fi kważi kull triq li kien hawn fin-Nadur dak iż-żmien. Ix-xjuħ ħarġu fit-twieqi u l-bibien biex jaraw u jisimgħu din il-banda ġdida. Kien ta' sodisfazzjon kbir għall-bandisti kif ukoll għall-membri tal-kumitat meta kienu jaraw il-banda milqgħuha tant tajjeb minn kulħadd. Kont tara nies li rari joħorġu mid-dar għal xi okkażjoni ħlief forsi għall-knisja, issa kienu jiġu jimxu mal-banda kull fejn tmur.

Konna għadna sejrin bil-marċi fin-Nadur meta bdew deħlin l-ordnijiet biex il-banda tmur iddoqq f'irħula oħra. L-ewwel servizz li kellha barra r-raħal il-Banda Mnarja kien fil-festa tal-Viżitazzjoni ġewwa l-Għarb. Dan iż-żmien kien wieħed impenjattiv, kif ukoll ta' kuraġġ. It-tama li din il-banda ġdida li tista' tirnexxi issa kienet ċerta.



*L-E.T. il-Kardinal Giuseppe Ferretto jbierek l-ewwel ġebla tal-Każin tal-Banda Mnarja.*





*It-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Każin tal-Banda Mnarja mill-Kaptan J.W. Attard nhar jum is-27 ta' Ġunju 1968.*